31999D0384

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Mejju 1999

li temenda d-Deċiżjoni 95/108/KE li tirrigwarda l-miżuri tal-protezzjoni tas-saħħa kontra l-marda Afrikana tal-ħnieżer f'Sardinja, l-Italja

(innotifikata fid-dokument numru C(1999) 1438)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/384/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tirrigwarda l-kontrolli veterinarji u żootekniċi fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tirrigwarda l-kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Kumunitarju bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

(1) Billi, bħala riżultat tas-sitwazzjoni tal-marda Afrikana tal-ħnieżer fl-Italja, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 95/108/KE tat-28 ta' Marzu 1995 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa kontra l-marda Afrikana tal-ħnieżer f'Sardinja fl-Italja [4];

(2) Billi l-marda Afrikana tal-ħnieżer trid tiġi kkunsidrata bħala marda endemika fil-provinċja ta' Nuoro, ir-reġjun ta' Sardinja, l-Italja;

(3) Billi is-sitwazzjoni tal-marda hija lijabbli li tipperikola l-imrieħel fir-reġjuni l-oħra ta' l-Italja u ta' l-Istati Membri l-oħra, rigward il-kummerċ fil-ħnieżer ħajjin, fil-laħam frisk tal-majjal u f'ċerti prodotti msejsa fuq il-laħam;

(4) Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [5], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/370/KE [6], tipprovdi għall-possibbiltà ta' parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-eradikazzjoni u s-sorveljanza tal-mard ta' l-annimali;

(5) Billi hija l-mira ġewwa l-programm ta' l-eradikazzjoni adottat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/703/KE tas-26 ta' Novembru 1998 li tapprova l-programmi għall-eradikazzjoni tal-mard ta' l-annimali ppreżentati għas-sena 1999 mill-Istati Membri u li tiffissa l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja [7] sabiex telimina l-marda Afrikana tal-ħnieżer mill-inħawi infettati li fadal f'Sardinja;

(6) Billi fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali fil-provinċja ta' Sassari, il-provinċja ta' Oristano u l-provinċja ta' *Cagliari* u l-kontrolli stabbiliti tal-moviment fir-reġjun ta' Sardinja jistgħu jiġu emendati l-proċeduri tat-testijiet li jistgħu jiġu applikati għal ċerti ħnieżer għall-qatla;

(7) Billi l-awtoritajiet Taljani ħadu miżuri legali sabiex jipprojbixxu l-moviment tal-ħnieżer ħajjin, il-laħam frisk tal-majjal u ċerti prodotti mil-laħam imsejsa fuq il-majjal mit-territorju tar-reġjun ta' Sardinja u l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri legali tiggarantixxi l-effikaċja ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni;

(8) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deċiżjoni 95/108/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2(2)(b), il-ħames u s-sitt inċiżi jiġu mibdula bi:

"— kienu inklużi f'popolazzjoni tal-ħnieżer f'azjenda koperta bi programm ta' testijet seroloġiċi meħtieġ taħt il-programm ta' l-eradikazzjoni tal-marda Afrikana tal-ħnieżer adottat mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KE u ma ġie mikxuf l-ebda antikorp tal-*virus* tal-marda Afrikana tal-ħnieżer matul l-aħħar sitt xhur,

— kienu inklużi fi programm ta' testijiet seroloġiċi qabel il-moviment imwettaq fi żmien għaxart ijiem qabel sabiex tiġi ttrasporta għall-qatla fejn ma kienu mikxufa l-ebda antikorpi tal-virus tal-marda Afrikana tal-ħnieżer; il-programm tat-testijiet ta' qabel il-moviment għall-kunsinna fil-kwistjoni jrid jiġi iddisinjat sabiex jagħti bejn wieħed u ieħor 95 % ta' fiduċja li jinkixfu l-annimali seropositttivi f'livell ta' prevalenza ta' 5 %."

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 62, ta' l-15.3.1993, p. 49.
[3] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.
[4] ĠU L 79, tas-7.4.1995, p. 29.
[5] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.
[6] ĠU L 168, tat-2.7.1994, p. 31.
[7] ĠU L 333, tad-9.12.1998, p. 29.

2. Artikolu 6 jiġi mibdul bi:

"*Artikolu 6*

Italja għandha tippreżenta lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni:

(a) lista li jkun fiha l-isem/ismijiet u l-lokazzjoni tal-biċċerija/i nnominata/i riferiti fl-Artikolu 2 u l-isem/ismijiet u l-lokazzjoni ta' l-istabbiliment/i innominat/i riferiti fil-paragrafu 2 (b) ta' l-Artikolu 4 u approvati mill-Awtorita Veterinarja Ċentrali;

(b) rapport kull sitt xhur li jkun fih it-tagħrif dwar in-numru tal-ħnieżer li kienu bla ħsara għall-miżuri mogħtija fl-Artikolu 2(2)(b) u r-riżultati mit-testijiet seroloġiċi mwettqa."

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li huma japplikaw għall-kummerċ sabiex iġibuhom f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu dan minnufih lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni